KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 411 (8-39)

It-Tnejn 9 t'Awissu 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal għal laqgħa fis-6.30pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**411.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Kulħadd kien preżenti.

Is-Sindku talab minuta silenzju b'sufraġju għal mewt ta' Fr. Nicholas Cachia. Huwa offra l-kondoljanzi f'isem il-Kunsill lill-familjari u l-għeżież.

**411.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 410. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**411.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-aġenda u jiġi diskuss l-item 411.5 peress li hemm preżenti s-Sur N.Azzopardi, rappreżentant ta' INDIS Malta li ser jagħti spjegazzjoni fuq il-proġett. Is-Sindku stieden lis-Sur Azzopardi mal-mejda.

**411.5 Proġett 'Family Park' fi Triq Salvu Borg Olivier – aġġornament**

Is-Sur Azzopardi ta introduzzjoni ta' l-INDIS u l-proġetti b'kollaborazzjoni ma' diversi Kunsilli. Huwa qal li wara li l-bord evalwa l-proposta tal-Kunsill tal-'family park' laqa' bi ħġaru li l-area fi Triq Salvu Borg Olivier tinbidel fi proġett innovattiv għall-familja kollha u qed jalloka madwar €600,000 biex dan il-proġett jiġi attwat fl-intier tiegħu. Huwa qal li saret evalwazzjoni anka fuq il-post u ġew trattati diversi punti, fosthom l-aċċess għall-bdiewa tal-għelieqi fl-istess triq, diversi issues ta' 'health and safety' u saru t-tibdiliet neċessarji, kif ukoll ġiet indirizzata t-talba għal iktar parkeġġ fil-bidu tat-triq faċċata tar-residenzi. Huwa qal li bħalissa qed isir monitoring tat-traffiku preżenti fil-post.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-proġett jinkludi bi playing field inluż pannelli f'parti minnhom biex ikun hemm żvilupp sostenibbli, liema proġett ġie sottomess għal fondi minn skema.

Is-Sur Azzopardi qal li bħala INDIS jaraw l-importanza ta' inizjattivi sostenibbli bħal pannelli, u cctvs li qegħdin ukoll inklużi. Huwa qal li jekk ikun hemm xi pjan għal tibdil minn dak oriġinali, dejjem isir b'konsultazzjoni mal-Kunsill oriġinarju.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk ir-resurfacing tal-wiċċ tat-triq hux inkluż mal-proġett. Is-Sur Azzopardi wieġeb li l-proġett ikun komplut, bil-wiċċ tat-triq.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet x'jiġri f'każ li l-applikazzjoni għal fondi mill-iskema tintlaqa'. Is-Sindku qal li din mhix kwistjoni li jwieġeb l-INDIS iżda tiġi diskussa internament fil-Kunsill biex tinstab l-aħjar deċiżjoni u ma jintilfux fondi.

Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Azzopardi u stieden lil-Kunsill ikompli jiddiskuti l-materja.

Is-Sindku qal li ż-żona tagħtina sfidi kbar kontinwi, b'diversi abbużi, u proġett bħal dan għandu jintlaqa' b'entużjażmu. Huwa qal li l-kunċett tal-proġett huwa li l-post

ikun jilqa fiħ gruppi differenti ta' nies b'kunċett varjat, modern u innovattiv. Is-Sindku qal li l-proġett finali għandu jkun preżentat lill-Kunsill fis-Seduta ta' Settembru.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-approvazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet ġiet approvata biex l-art tiġi devoluta lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li d-deċiżjoni finali tal-Kunsill tkun tista tittieħed ġaladarba tiġi preżentata kopja tal-MOU.

Is-Sindku kkonferma dan u qal li meta l-Kunsill ikollu d-dokumentazzjoni kollha f'idejh, jiġifieri l-MOU u l-pjanti finali, jista' jgħaddi għall-approvazzjoni tal-proġett.

**411.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**411.3.1 Ħsara strutturali fil-pont tax-Xagħra ta' Għar Lapsi (LCS45/17)**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat rigward l-istat ħażin tal-pont tax-Xagħra ta' Għar Lapsi. Hu qal li s-Segretarju Eżekuttiv irrefer għal rapport li kien sar fl-2017 minn TM dwar is-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien.

Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li meta hi saret Sindku fl-2017 kienet ġiet infurmata li kien hemm kommunikat dwar l-istat tal-pont u kienet ntalbet għajnuna ta' Infrastructure Malta minħabba li l-Kunsill ma kellux biżżejjed fondi għal dawn il-ħsarat. Meta hi temmet r-rwol ta' Sindku, kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet.

Is-Sindku qal li jidher li issa l-ħsara kibret u minnufieh ġie infurmat b'dan Infrastructure Malta u anke l-Ministru konċernat. Is-Sindku qal li TM qed jitolbu lil ERA biex jitneħħew diversi arbuxelli li jinsabu taħt il-pont biex tkun tista ssir spezzjoni minn naħa ta' taħt. Għalhekk, qed nitolbu lill-Awtoritajiet biex isiru l-interventi neċessarji mingħajr iktar dewmien, ħalli nevitaw iktar ħsara u periklu anka akkost li jkollu jingħalaq il-pont għal xi żmien.

**411.3.2 'Reading Garden' fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku preżenta pjanta emendata mill-Perit tal-Kunsill li tinkorpora fiha il-punti li ġew diskussi mar-residenti Cutajar u l-Avukat tagħhom. Huwa qal li l-Kunsill għandu mill-ġdid jiltaqa' magħhom dwar din il-proposta u tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**411.3.3 Restawr tal-istatwa San Nikola**

Is-Sindku informa li l-Perit tal-Kunsill talab laqgħa mas-Sovrintendenza tal-patrimonju Kulturali dwar teknika li trid tintuża fil-parti t'isfel tal-pedestall u għalhekk ix-xogħol jinsab temporanjament sospiż.

**411.3.4 Xogħol fi Triq Annabelle Vassallo**

Is-Sindku qal li talab feedback mill-Ministeru kkonċernat dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru peress li mill-aħħar laqgħa jidher li ma sar xejn.

**411.3.5 Xogħolijiet qrib it-Torri Puniku ta' Wilġa**

Is-Sindku qal li ġie infurmat li qed isiru xogħolijiet qrib it-torri Puniku Ruman Ta' Wilġa. Hu qal li ma kienx konxju ta' dawn ix-xogħolijiet u mill-ewwel ġew infurmati is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali biex tinvestiga.

**411.3.6 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Indafa Pubblika**

Is-Sindku qal li ser issir laqgħa għal possibilta' ta' ftehim dwar aktar assistenza fuq tindif u ħasil tat-toroq prinċipali minn żrar u trabijiet, speċjalment minn fejn jgħaddu trakkijiet tal-barrieri. Huwa rringrazzja lid-Diparimtent tal-koperazzjoni li nsibu mingħandhom speċjalment għall-problema li qed taffaċċja l-lokalita' ta' rimi ta' radam fit-toroq rurali.

**411.3.7** **Bring-in-sites**
Is-Sindku rrefera għall-Avviż Legali li jobbliga li kull lokalita' jkollha bring-in-site għal kull 2000 resident. Huwa qal li filwaqt li konxju li fis-Siġġiewi haw sit wieħed u allura mhux regolari, huwa fatt li l-problema eżistenti tal-bring in site waħda hija kbira, ta' inkonvenjent u anka ta' detriment għas-saħħa u għall-ambjent u allura qabel tinstab soluzzjoni għal din mhux vjabbli li l-Kunsill ikompli jkabbar il-problema. Huwa qal li għalkemm ic-CCTVs qegħdin monitored mill-LESA, qed ikun hemm każi li titgħatta l-pjanċa bin-numru tar-reġistrazzjoni jew iħallu l-vettura f'post fejn ma tinqabadx bil-camera u allura ma jistgħux jiġu mmultati. Fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-LESA biex ikun hemm preżenza ta' gwardjani fil-post provduti mir-Reġjun Nofsinhar.

**411.3.8** **Laqgħa tas-Sindku tar-Reġjun Nofsinhar mal-President ta' Malta**
Is-Sindku qal li l-president stieden lis-Sindki tar-Reġjun għal-laqgħa kordjali peress li minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija ma setax iżur il-lokalitajiet. Tqajmu diversi issues mis-Sindki preżenti fosthom in-nuqqas ta' kollaborazzjoni mal-entitajiet. Informa wkoll li minħabba li l-Presidents' Fun Run ma tistax issir fuq livell Nazzjonali, hemm il-ħsieb li ssir f'kull lokalita'. Fuq din għadha tingħata informazzjoni 'il quddiem.

**411.3.9** **Klabb Futsal Siġġiewi**
Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Klabb Futsal tas-Siġġiewi li ġie żviluppat riċentement. Huwa qal li għamlu talba għal għajnuna finanzjarja għar-reġistrazzjoni tal-klabb lill-Kunsill. Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill diġa għandu committments finanzjarji għal diversi snin mas-Siġġiewi Football Club u s-Siġġiewi Basketball Club u għalhekk għalissa t-talba ta' finanzjament ma tistax tiġi kkunsidrata.

**411.3.10** **Proposta ta' twinning mal-Belt ta' Beit Jala**
Is-Sindku qal li qed issir talba biex ikun hemm laqgħa virtwali bejnu u s-Sindku ta'din il-belt biex jiġu mistħarrġa l-possibiltajiet u opportunitajiet li jista' jkun hemm għal proġetti futuri, qabel isir xi tip ta' committment.
Il-Kunsillier Julian Borg qal li din il-proposta diġa' ssemmiet f'Seduti preċedenti u l-Kunsill kien xettiku ħafna fuqha għal diversi punti, fosthom kemm hu vjabbli li jsir ftehim fit-tul kemm bħala finanzi u minħabba d-distanza bejn iż-żewg pajjiżi. Huwa propona li iktar ikun vjabbli proġett speċifiku fuq bazi ta', eżempju, sena milli 'ġemellaġġ' u dak kollu li jirrikjedi legalment. Huwa qal li l-Kunsill diġa huwa ġemellat mal-Belt ta' Vittoria fi Sqallija, liema ġemellaġġ m'hiex attiv u l-lokalita' m'hi tibbenefika mill-ebda frott. Huwa qal li jkun vjabbli kienu l-Kunsill jerġa jagħmel kuntatt u jitqajjem il- ftehim eżistenti, u anka l-fatt li qiegħed fl-Ewropa nistgħu anka nibbenefikaw minn fondi Ewropej. Is-Sindku qal li għandu jiddiskuti mal-kuntatt dwar dan.

**411.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**411.4.1** Il-Kunsilliera Francine farrugia staqsiet x'ġara mill-proġett Achievers. Is-Sindku wieġeb li dan il-proġett kien ġie pospost minħabba li ma setgħux isiru attivitajiet tal-massa u previst isir 'il quddiem.

**411.4.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet meta ser issir laqgħa mas-Supretendent tad-Distrett. Hija qalet li tixtieq tkun preżenti għal din il-laqgħa peress li għandha diversi punti li trid tressaq, fosthom l-għassa tal-pulizija tal-lokal u anka ta' Għar Lapsi, parking fuq il-kaxxi l-blu f'Għar lapsi u anka vetturi li jinżlu fix-xtajta li qed joħolqu periklu. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv titlob għal laqgħa mas-Supretenedent mill-iktar fis u tinforma lill-Kunsilliera kollha bid-data u l-ħin.

**411.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg talab update tal-proposti tat-traffiku ta' Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġakbu u oħrajn. Is-Sindku qal li fis-Seduta li jmiss ikun f'pożizzjoni li jiġu preżentati l-proposti.

**411.6** **Servizz.gov - Abbozz ta' ftehim**

Is-Sindku preżenta l-ftehim propost mas-servizz.gov biex jibdew jiġu offruti diversi servizzi miċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, fl-uffiċċji fejn bħalissa jingħataw is-servizzi soċjali. Huwa qal li hemm bżonn isir xi tibdil infrastrutturali, u isir branding tal-post u anka jiġi installat tagħmir ta' arja kundizjonata. Dawn l-ispejjeż jiġu mħallsa minnhom, kif ukoll it-tindif, servizzi ta' dawl u servizz ta' uffiċjal tas-sigurta'. Huwa qal li d-dipartiment ser ikun qed jimmaniġġja l-hub b'żewġ uffiċjali. Dan is-servizz maħsub li jibda jingħata iktar tard din is-sena. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-ftehim kif preżentat. Il-Kunsill unanimament qabel.

**411.7** **Għoti tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi lis-Sur Albert Pace**

Is-Sindku rrefera għal komunikat mid-DG tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datat 13 ta' Lulju 2021, cioe dak inhar tas-Serata, fejn qed jiġbed l-attenjoni tal-Kunsill li fil-vot tad-deċiżjoni biex jingħata l-unur lis-Sur Albert Pace, ma kienx hemm maġġoranza sempliċi u allura d-deċiżjoni ma għaddietx minħabba li dak inhar is-Sindku naqas li jieħu l-casting vote. Irrefera wkoll għal komunikat segwenti, case 149/2021, mill-Monitoring Unit tal-istess Diviżjoni u datat 27 ta' Lulju 2021, li minkejja l-komunikat datat 13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill proċeda bl-għoti tal-Unur lis-Sur Pace, "bi ksur ta' Artiklu 43(3) tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Gvern lokali (kapitolu 363) li jipprovdi li l-persuna li tkun qegħda tippresedi tista tagħti l-vot oriġinali fuq kull suġġett li jkun ġie għall-votazzjoni, u fil-każ fejn il-voti jiġu indaqs jista' jagħti l-casting vote ukoll jekk ikun il-vot oriġinali."

Is-Sindku qal li lejliet is-Serata kien hemm Seduta tal-Kunsill, iżda ma ssemma xejn mill-ebda Kunsillier dwar dan biex tiġi rattifikata s-sitwazzjoni. Wieħed jifhem li l-preparamenti għas-Serata kienu kollha finalizzati biex kollox imur sew, anka fid-dawl li l-organizzazjoni ta' din is-sena kienet wisq iktar kumplikata mis-soltu minħabba restrizzjonijiet varji mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Is-Sindku qal li minkejja li l-Kunsilliera kienu infurmati b'dan il-komunikat dak inhar stess, ma kienetx sitwazzjoni etikament korretta li persuna tinfurmaha bi bdil fl-aħħar istant. Għalhekk, is-Sindku talab li terġa tittieħed votazzjoni biex tiġi rettifikata s-sitwazzjoni u jkun hemm qbil b'maġġoranza dwar l-għoti tal-Unur tas-Sur A.Pace.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li l-korrispondenza tat-13 ta' Lulju 2021 kienet ċara u s-Sindku kien ħa deċizjoni kontra direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dan meta kien infurmat li ma kellux maġġoranza biex tingħata l-Onorifiċenza. Hi qalet li fil-laqgħa ta' lejliet ma kien l-ebda tema marbuta ma' Jum is-Siġġiewi u għalhekk il-materja ma kinetx fuq l-agenda. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li dak li jorbot kien il-vot fil-laqgħa ta' Frar 2021. Alessia Psaila Zammit qalet li għal darba oħra s-Sindku qed jagħti prova tal-inkompetenza li biha qed jitmexxa l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Qiegħed juri wkoll kemm m'għandux rispett lejn id-demokrazija, lejn l-proċeduri legali u lejn d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Alessia Psaila Zammit talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tikkonferma li l-komunikat tat-13 ta' Lulju 2021 ġie mibgħut lil kull kunsillier inkluż is-Sindku dak inhar stess. Il-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-email ġiet ċirkolata lis-7 kunsilliera malli ġiet riċevuta.

Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-korrispondenza datata 27 ta' Lulju 2021 riferuta qabel fejn tgħid li peress li kien hemm ksur ta' proċedura, u kwota "tali Onorefiċenza hi meqjusa nulla", u talab x'inhu l-punt li terġa ssir votazzjoni ladarba l-unur ġie dikjarat null.

Is-Sindku qal li l-ksur tal-proċedura kien għaliex ma tteħidx il-casting vote u allura qed jerġa jgħaddi d-deċiżjoni għal vot biex id-deċiżjoni tkun regolarizzata b'vot b'maġġoranza skond il-proċedura, u sussegwentement jiġi infurmat id-Dipartiment bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-unur ġie dikjarat null, u allura jekk issir votazzjoni li s-Sur Pace għandu jieħu l-Unur u tgħaddi b'maġġoranza, staqsa jekk din tingħatax mal-Unuri tas-sena d-dieħla.

Is-Sindku wieġeb li din hija sitwazzjoni partikolari li għandha tiġi indirizzata individwalment u jekk kien hemm skorrettezza mingħajr intenzjoni fil-proċedura għandha tiġi regolata. Huwa qal li d-dipartiment għandu jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-Monitoring Unit qegħda tiġbed l-attenzjoni li minkejja li kien hemm direzzjoni ċara tad-Direttur Ġenerali, xorta kien hemm il-ksur tal-liġi u dan huwa nuqqas serju minn naħa tal-Kunsill u tas-Sindku li injora dan.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li hemm ksur tad-demokrazija u ta' proċeduri legali meta' kulħadd ġie infurmat uffiċjalment b'korrispondenza mill-amministrazzjoni li kien hemm ksur fil-proċedura u l-proċess baqa' xorta għaddej.

Is-Sindku talab li jittieħed vot li jirregolarizza l-għoti tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi lis-Sur Albert Pace u li d-deċiżjoni tal-Kunsill tgħaddi lil Monitoring Unit fi ħdan id-DLG.
Votazzjoni:
4 Favur – Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Kurtsein Sant u Adrian Farrugia
3 Kontra – Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia

**411.8 Ingaġġ ta' Clerk Scale 15 – aġġornament**

Is-Sindku qal li ġew riċevuti 13-il applikazzjoni mil-lista tal-Jobsplus. Huwa talab biex jiġi kkonfermat il-bord tal-għażla għal dan il-proċess. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Alessia Psaila bħala minority-leader u s-Segretarju Eżekuttiv bħala ex-offiċjo.

Is-Sindku talab li jkun hemm qbil għal data biex isiru l-interviews lill-applikanti. Il-membri tal-bord qablu li l-interviews isiru nhar it-Tnejn 30 t'Awissu 2021.

**411.9 Tenders**

Tender LCS34/2020 – Cleaning and Clearing of Urban and Surfaced Non-Urban Areas using environmentally friendly Measures for the Siġġiewi Local Council
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġie riċevut appell, u għalhekk il-proċess kellu jieqaf. Hija qalet li intbagħtet risposta għall-ittra tal-appell tramite l-avukat. Is-Sindku qal li peress li dan huwa tender maġġuri u x-xogħol irid isir b'kontinwita', il-Kuntratt eżistenti ser jiġi estiż sakemm il-proċess għat-tender il-ġdid jiġi finalizżat.

Tender LCS29/19/1 – MAGF/M4/003 – Implementing Green Infrastructure at San Niklaw, Siġġiewi
Is-Sindku qal li minħabba kwistjoni tal-pandemija kien hemm dewmien fl-aġġudikar ta' dan it-tender. Is-Sindku qal li ġew evalwati t-tenders mixħuta u l-bord jirrakkomanda l-offerta ta' George Vella bħala l-iktar waħda vantaġġjuża għall-ammont ta' €35,911.80. Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**411.10 Mozzjoni sabiex il-mibki saċerdot Siġġiewi Dun Nicholas Cachia, jingħata l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi f'Jum is-Siġġiewi 2022, filwaqt li r-Reading Garden propost fi Triq Mons Mikiel Azzopardi jissemma għall-istess Dun Nicholas Cachia, meta dan il-proġett ikun twettaq.**

Is-Sindku qara l-mozzjoni:

*"Billi s-saċerdot mibki Siġġiewi Dun Nicholas Cachia, li ħalliena ftit tal-ġranet ilu kien saċerdot maħbub minn ħafna, b'mod partikolari mill-komunita' Siġġiwija li hu twieled, għex għal numru ta' snin u serva bħala saċerdot fil-Parroċċa San Nikola is-Siġġiewi għal numru ta' snin;*
*Billi Dun Nicholas Cachia tul il-ħidma pastorali tiegħu matul ħajtu wettaq ħafna ġid fost it-tfal, żgħażagħ u familji Siġġiwin;*
*Billi Dun Nicholas Cachia ta' kontribut siewi b'risq l-għaqdiet Siġġiwin, b'mod partikolari dawk affiljati mal-Parroċċa u dejjem tkellem bi kburija u interess dwar il-karateristiċi sbieħ tas-Siġġiewi;*

*Il-Kunsill Lokali mlaqqa' illum it-Tnejn 9 t'Awissu 2021:*
*Jirriżolvi li Dun Nicholas Cachia, tul ħajtu permezz tal-ħidma pastorali li wettaq kien ta' ġieħ b'risq raħal twelidu, is-Siġġiewi u għaldaqstant jikkwalifika għall-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi li jingħata mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kull sena.*
*Jirriżolvi li Dun Nicholas Cachia jingħata l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi waqt is-serata li jmiss ta' Mertu Onorifiċenza Siġġiewi fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi 2022 u liema ġieħ jiġi preżentat lil familjari ta' Dun Nicholas Cachia.*
*Jirriżolvi li l-proġett tar-Reading Garden, li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi diġa għandu f'idejħ l-pjanti u l-finanzjament lest għal dan il-proġett, salv l-approvazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex tingħata konċessjoni lil Kunsill Lokali sabiex jiżvilluppa porzjon ta' art fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi biex jitwettaq dan il-proġett, il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi isemmi dan il-ġnien għan-nom ta' Dun Nicholas Cachia, b'rikonoxximent għal ħidma li wettaq u l-imħabba li kellu lejn is-Siġġiewi tul ħajtu."*

Propona l-Mozzjoni s-Sindku.
Isskonda l-Kunsillier Julian Borg

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi kummenti mill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li Dun Nikol kien "all rounder" u kull fejn ħadem ħalla impatt pożittiv kbir. Huwa qal li Dun Nikola għandu rispett kbir mill-komunita' mhux biss Siġġiwija, u żgur li jagħmel ġieħ lill-lokalita'.

Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni kif proposta.
Votazzjoni: 7 favur

**411.11 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni li reġa' hemm applikazzjoni għal Ta' Dmejrek li l-Kunsill kien għamel sottomissjoni (6015/19), tramite l-Perit Carmel Cacopardo u l-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku propona li jerġgħu jiġu kkuntattjati bħala esperti fil-qasam u tiġi mħejjija sottomissjoni simili.

Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar applikazzjoni PA418/20 dwar użu ta' 'disused quarry' u ssir talba mal-perit biex jiċċekja jekk l-applikazzjoni hix skond il-policies.

**411.12** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**411.12.1** Direttiva 2/2021 – Contracts (Community Works) Managers
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar Direttiva 2/2021 – Contracts (Community Works) Managers. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja lil kull Kunsillier u tiġi inkluża fl-aġenda tas-Seduta li jmiss.

**411.12.2** Uffiċjali speċjalizzati mar-Reġjun Nofsinhar
Is-Sindku nforma li l-Kunsill Reġjonali Nofsinhar kien ingaġġa tlett uffiċjali dak tal-Ambjent, Kultura u Immaniġjar ta' proġetti li bħalissa għaddejjin minn taħriġ induttiv u wara ser ikun qed jagħmlu kuntatt mal-Kunsilli Lokali tar-Reġjun. Huwa infurma wkoll li ir-Reġjun bħalissa għaddej bi proċess għall-ingaġġar ta' uffiċċjali fuq fondi, ICT u immaniġġjar tal-iskart. Huwa qal li minn informazzjoni mhux uffiċjali, il-bidla tar-Reġjuni sa tkun attwata mis-sena d-dieħla u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jiġi jifforma parti mir-Reġjun ġdid tal-Punent.

**411.12.3** Konnessjoni tat-Teknoloġija mal-Government Network (Magnet)
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa għaddejja proċedura ta' konnessjoni tat-Teknoloġija mal-Government Network (Magnet) mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hija qalet li peress li l-uffiċċji tal-Kunsill ilhom snin twal jaħdmu b'sistema 'server' privat din it-transizzjoni toħloq ċertu kumplikazzjonijiet u qed tiprova tikkoordina biex l-uffiċċju jibqa jaħdem kemm jista jkun mingħajr tfixkil u mingħajr ma tintilef l-ebda data. Hija qalet li wara konsultazzjoni mal-persuni tal-IT ġie ssuġġerit li jinxtara apparat ġdid biex id-data tiġi trasferita fuqu u jibqa jkun hemm aċċess. Għalhekk, talbet il-Kunsill approvazzjoni biex jinxtara t-taġġmir elettroniku neċessarju fosthom laptop, external harddrive, u anka CPU għad-desk tal-front office peress li dak eżistenti huwa antik u ma jissapportjax is-sistema eżistenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

**411.12.4** Talba għall-permess Triq San Nikola
Is-Sindku rrefera għal talba għall-armar ta' scaffolding fi Triq Sta Margerita, ftit 'l isfel mill-Madonna fil-parti d-dejqa, għal madwar xahar minn Settembru. Huwa qal li wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Julian Borg, ġie propost li ssir laqgħa mal-applikant u l-perit tiegħu biex tinstab l-aħjar soluzzjoni u x-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli minħabba li trid tingħalaq it-triq għat-traffiku, u anka peress li dak iż-żmien tkun reġgħet bdiet l-iskola.

**411.12.5** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni ta' Finanzjament ta' proġetti Kapitali – Aċċessibilta' u Mobilta' SPI/SCI/3/2020 ma kienetx ġiet aċċettata.

**411.13** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**411.14** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **411.15** | **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ** |
| **411.15.1** | Is-Sindku talab lill-Kunsillier jilħqu jipreparaw rapport dwar il-ħidma tad-dekasteru tagħhom biex jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss. |
| **411.15.2** | Il-Kunsillier Julian Borg preżenta pjanta bi proposta biex jiżdiedu 6 parkeġġi f'parti minn Triq id-Difa li normalment ma tintużax għat-traffiku, jew fejn hu perikoluz jekk jgħaddi traffiku minnha. Talab ukoll li jsiru SLOW signs kemm ma' l-art u tabelli għal vetturi li jipproċedu minn Triq Salvu Curso għal Triq id-Difa u Triq Angelo Dorini. Is-Sindku talab li jkun hemm site inspection biex jaraw fuq il-post din il-possibilta'. |
| **411.15.3** | Il-kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar iż-żebra crossing fi Triq Mons Mikiel Azzopard li diġa saqsiet diversi drabi dwarha. Hija qalet li din ġiet approvata snin ilu iżda qatt ma ġiet stabbilita l-pożizzjoni idejali u siġura fejn għandha ssir. Is-Sindku qal li għandu jitqabbad espert tat-traffiku biex jindika dan u tkun tista ssir mingħajr iktar dewmien. |
| **411.15.4** | Il-Kunsillier Francine Farrugia semmiet il-problema kontinwa tat-trakkijiet li jgħaddu minn Triq l-Andar u l-problemi li jikkawżaw. Hij qalet li issa saħansitra tneħħew diversi tabelli waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet u ma reġgħux tweħħlu. Talbet li jkun hemm enforcement dwar dan. |
| **411.15.5** | Il-Kunsillier Francine Farrugia talbet li l-Kunsill jgħaddi s-suġġeriment biex issir charging pillar fi Triq Dun Manwel Zammit int u dieħel minn riq Sta. Margerita. |
| **411.15.6** | Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għax-xogħlijiet infrastrutturali li għaddejjin fi Triq Nicolo Baldacchino u qal li jonqos li jsiru traffic island, parkeġġi u arranġamenti oħra. Huwa talab li l-Kunsill ikollu pjanta ta' x'inhu ġej u kif ġej l-arranġament. Is-Sindku qal li in-nuqqas ta' konsultazzjoni minn Infrastructure Malta hija inaċċettabbli. Huwa qal li r-residenti ma jistennewx li l-Kunsill ma jkunx jaf x'inhu jitwettaq fil-lokalita' stess. |
| **411.16** | **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament** |
| | Il-laqgħa intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. |
| | Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 30 t'Awissu 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel. |

Konfermati, illum 30 t'Awissu 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv